DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

# ĊIRKULARI 05/2026

## Proċedura dwar Sindki u Kunsillieri Eletti fil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026

| | |
|---|---|
| **Lil:** | Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali |
| **Mingħand:** | Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) |
| **Data:** | 8 ta' Ġunju 2026 |

**1.1** Billi b'riżultat ta' Elezzjoni Ġenerali jista' jkun hemm kunsilliera li jkunu eletti fil-kamra tad-deputati qed tintbgħat din il-gwida dwar il-proċess li għandu jkun segwit mill-Kunsilli Lokali f'dan il-każ.

**1.2** Din il-proċedura hija rregolata b'artikli 12 u 9 tal-Att dwar Gvern Lokali u intom mitluba tiffamiljarizzaw ruħkom magħhom b'mod partikolari.

**1.3** Meta persuna tieħu l-ġurament tal-ħatra u allura ssir membru tal-kamra tad-deputati, jiskattaw il-proviżjonijiet ta' artiklu 12 li jgħid li ebda persuna ma tista' tibqa' membru ta' kunsill jekk "tkun membru tal-Kamra tad-Deputati".

**1.4** Hawn, għaldaqstant, awtomatikament jiskatta wkoll artiklu 9 għaliex tkun inħolqot vakanza każwali fil-kunsill.

**1.5** F'dan l-istadju, s-Segretarji Eżekuttivi huma mistennija li f'mhux aktar minn jumejn minn meta kunsillier ikun ħa l-ġurament tal-ħatra bħala membru tal-kamra tad-deputati, jinfurmaw bil-miktub lill-Ministru u lill-Kummissarju Elettorali Prinċipali dwar din il-vakanza.

**1.6** F'każ li jirriżulta li l-kariga vakanti tkun ta' sindku jew viċi sindku, il-proċedura għall-għażla ta' membri f'dawn il-karigi tkun skont Artiklu 25 tal-Att dwar Gvern Lokali.

26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta, MALTA
t + 356 20908600 | e info.dlg@gov.mt | https://divizjonitalgvernlokali.gov.mt/

**1.7** Eventwalment, kemm fil-każ ta' sindku jew viċi sindku, kif ukoll ta' kunsilliera eletti jew magħżula biex jimlew il-postijiet vakanti, isiru l-arranġamenti biex jingħatalhom il-ġurament tal-ħatra skont il-Ħames Skeda tal-Att.

**1.8** Nitlobkom li f'kull fażi tal-proċess iżżommu lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali infurmata billi tikkuppjaw hr.dlg@gov.mt fil-kommunikazzjoni.

**IFFIRMATA**

Christopher Galea
Direttur (Monitoraġġ u Sapport)

Kopji: Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi
Segretarju Permanenti, MLGP
Awditur Ġenerali
Direttur Ġenerali, Gvern Lokali
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)
President, AKL
President, ANSEK